A.L. 86 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Philosophy (M.Phil.), ippubblikati bħala Avviż Legali 106 ta' l-1992, li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Marzu 2001 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. Kull teżi għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi magħmul minn tliet membri maħtur għal dan il-għan, li jinkludi *Chairman*, eżaminatur barrani, u membru ieħor, sakemm li l-eżami orali tat-teżi għandu jkun immexxi mill-anqas minn tliet eżaminaturi, u sakemm li s-superviżur ikun preklużmilli jeżamina iżda jkun mistieden jattendi bħala osservatur waqt l-eżami orali. Il-kandidat għandu jiddefendi t-teżi oralment quddiem il-Bord."